MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Rikors Numru. 11/2006/1

**Saviour Xeureb ID 800045(M), Alfred Xeureb ID 413042(M) u martu Tessie Xeureb ID 440241(M), Anthony Xeureb 667344(M) u martu Marianne Xeureb ID 897446(M), Louis Xeureb ID 684147(M) u martu Antoniette Xeureb ID 269047(M), Joseph Xeureb ID 531161(M) u martu Maria Assunta Xeureb ID 573163(M), Raymond Xeureb ID 484662(M) u martu Angela Xeureb ID 229961(M), Stephen Xeureb ID 493163(M) u martu Carmen Xeureb ID 94764(M), Ignatius Xeureb ID 77266(M) u martu Sylvana Xeureb ID 559165(M), Miriam Demanuele ID 45765(M) u zewgha Joseph Demanuele ID 614162(M), Margaret Mifsud ID 161767(M) u zewgha Raymond Mifsud ID 105262(M), Loraine Xeureb ID 376382(M), Annie Xeureb ID 546838(M) armla ta' Joseph Xeureb.**

**vs**

**Francesca Saveria Pulis armla ta' Giuseppi Pulis u Wluedha Grace, Tonina, Maria, Slvina, Alfred, Doris, Joseph, Eugenio, Salvu, Rita u Lilian ahwa Pulis.**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

“Illi huma proprjetarji tal-ghalqa “Ta’ Latmija” fi Triq Latmija maghrufa l-By-Pass bejn Zabbar u M’Scala tal-kejl ta’ cirka tlett elef u hames mitt metri kwadri konfinati mill-Grigal u Lvant mat-triq imsemmija u mill-Majjistral ma’ beni tal-familja Farrugia bi qbiela ta’ ghaxar liri Maltin (Lm10) fis-sena li tithallas kull hmistax (15) t’Awissu.

Illi l-esponenti jehtiegu r-raba’ biex jigi wzat ghal skopijiet agrikoli minnhom personalment u minn membri tal-famija taghhom.

Illi l-istess raba’ mhumiex fonti importanti ghall-ghajxien tal-intimati u tal-familja taghhom u di piu’ huma jbatu anqas mill-esponenti jekk ir-rikors jigi milqugh.

Illi inoltre r-raba’ in kwistjoni gie cedut u sullokat lil terzi minghajr il-kunsens ta’ sid il-kera.

Illi inoltre l-intimati naqsu li jsewwu u li jzommu fi stat tajjeb il-hitan tar-raba’ u hallew li ssir hsara fir-raba u s-sigar fih.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-imsemmija eghlieqi u konsegwentement tordna l-izgumbrament tal-intimati u tillikwida l-kumpens xieraq, li talvolta jkun dovut lill-istess intimati ai termini tal-Att dwar it-Tigdid tal-Kiri tar-Raba’ (Kap 199 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra ir-risposta tal-intimati fejn qed jesponu:

Illi fl-ewwel lok l-irritwalita’ tar-rikors u dan fid-dawl ta’ kumulu ta’ aggravji elenkati fl-istess rikors li ma humiex kompatibbli ma’ xulxin, ghax huwa legalment insostenibbli li filwaqt li titlob ir-ripreza tar-raba’ abbazi tal-bzonn, fl-

istess hin tavvanza l-aggravju li l-istess raba' giet ceduta minghajr il-kunsens tas-sid.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, illum ir-raba' tispetta fit-titolu lill-esponenti Eugenio Pulis u Salvu Pulis u sa fejn jirigwarda l-intimati l-ohrajn, dawn mhumiex il-legittimi kontradditturi, u kwindi ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost fil-mertu jigi ssollevat is-segwenti:
Illi ma hux minnu li r-rikorrenti ghandhom bzonn ir-raba in kwistjoni aktar mill-esponenti, u liema raba fil-fatt hija fonti importanti ghal ghaxjien taghhom. Lanqas huwa minnu li b'xi mod ir-raba in kwistjoni giet ceduta jew isullokata lil terzi, izda s-sitwazzjoni llum hija konformi mal-ligi, u dan kif se jigi ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza.

Illi finalment tista' ssir spezzjoni fir-raba in kwistjoni, sa fejn jirrigwarda l-allegazzjoni li l-hitan tar-raba w s-sigar li hamm fiha saritilhom hsara, biex jigi stabillit li dan mhuwiex minnu fit-terminu tal-ligi.

Salv risposti ohrajn.

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi din hija decizjoni preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimati dwar l-irritwalita' u nullita' tar-rikors promutur u dan peress illi jikkontjeni kumulu ta' aggravji li mhumiex kompatibbli ma' xulxin;

Illi l-eccezzjoni sollevata mill-intimati kienet soggett ta' decizjoni minn dan il-Bord diversament presedut konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell kif tajjeb ippuntwalizza r-rikorrenti permezz tan-nota tieghu akkompanjanti kopja ta' sentenza fl-ismijiet Philip Cutajar et vs Giuseppa Attard App 5/4/2006. F'dik il-kawza, r-

rikorrenti kienu ghamlu talba biex jirriprendu l-ghalqa minnhom imqabbla fuq il-premessa ta' inadempjenza fil-hlas tal-qbiela, bzonn tar-raba', nuqqas ta' attivita fl-istess raba' kif ukoll minhabba l-istat hazin u l-izdingar li hemm fl-istess ghalqa u l-intimati kienu eccepew in-nullita' tar-rikors minhabba kawzali u talbiet kontradittorji. Il-Qorti tal-Appell kienet ikkonfermat is-sentenza tal-Bord fejn, *inter alia*, kien cahad din l-eccezzjoni bhala wahda vessatorja. Oltre ragunijiet hemm moghtija, l-Qorti tal-Appell irriteniet illi: "ma jidher li hemm xejn fil-ligi specjali li jipprekludi lis-sid milli jirrikjama lura r-raba' lokat in bazi anke ghall-kumulu ta' ragunijiet fost dawk elenkati fis-subinciz (2) tal-istess Artikolu 4. Ragunijiet dawn li mill-kontenut taghhom huma suddivizi taht zewg ipotesijiet generali. Il-wahda, bazata fuq il-bzonn (i) ghal skopijiet agrikoli mis-sid personalment jew minn xi membru tal-familja [subparagrafu (a)] jew ghal skop ta' kostruzzjoni, basta li ma jkunx raba saqwi [subpara (b)]. L-ipotesi l-ohra tirrigwarda l-kaz fejn sid ir-raba jidhirlu li d-dritt tieghu gie vjolat [subpara (c) sa subpara (f)].

Illi dan il-kaz huwa identiku ghal dak in dizamina u l-Bord ma jara ebda raguni ghaliex m'ghandux jimxi fuq l-insenjament ta' din id-decizjoni recenti tal-Qrati taghna;

Ghal dawn il-mottivi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati bi spejjez kontra taghhom.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------